**DOKUMENTI DWAR IL-QAWMIEN TAL-MALTIN KONTRA L-FRANĊIŻI (7)**

# Corvette Franċiż Jidħol fil-Port il-Kbir

*(Minn DUN RENAT CIRILLO)*

**L-AĦBAR tal-"convoy" Franċiż li ġie mħarbat minn Nelson jidher li qawwet qalb Graham u Lord Keith għax fl-20 ta' Frar, Graham bagħat xi ittri lill-General Vaubois.**

F'nota qallu li skond xewqa tal-Viċi Ammirall, Lord Keith, kien qed jibgħat diversi ittri u nota lill-Ammirall Villeneuve. U ħaġa li turi l-etiketta militari ta' dak iż-żmien tidher filli Graham staqsa lil Vaubois jekk l-Ammirall Franċiż riedx jibgħat xi ittri lill-familja tiegħu għax f'dak il-każ kien lest jibgħathomlu segretament. Iżda x'kien fihom eżattament l-ittri li ntbagħtu lil Vaubois ma nafux.

Xi tlitt ijiem wara Lord Keith kiteb lil Graham. F'ittra miktuba minn fuq il-Queen Charlotte, 'l hinn minn Malta, insibu dan li ġej :— "Għandi l-unur ninfurmak li bgħatt 'cutter' għal Korfu u qed nistennih minn mument għall-ieħor. Malli jiġi, jekk insib li r-Russi mhumiex ġejjin hawn immedjatament, jien mhux biss naqbel miegħek u l-Gvernatur dwar il-miżuri ġenerali li tridu tieħdu, iżda naħseb ukoll illi l-ingaġġar (ta' suldati regolari Maltin) huwa mill-aktar essenzjali għall-ħarsien tiegħek u tat-truppi li qegħdin fil-Gżira".

Keith ried jiżgura ruħu minn kollox u għalhekk fl-24 ta' Frar bagħat ittra lil Nelson li fiha fost l-oħrajn insibu dan :—

"F'każ li ssir offerta sabiex Malta tiġi ċeduta lill-forzi tal-Maestà Tiegħu u ta' l-Alleati f'xahar żmien minn din id-data jew qabel ma jaslu l-forzi strangieri li qed nistennew kull mument, inti mitlub li tiftiehem ma' l-E.T. il-Gvernatur Ball u l-Brigadier Graham biex toffru l-aħjar kondizzjonijiet lill-Gwarniġjon Franċiż... u tħarsuhom minn kull vjolenza u insulti li l-abitanti jistgħu jkunu disposti li jagħmlu".

Ukoll min-naħa ta' Ball bdiet attività ġdida. Ried li jibda jisserva bil-ħames kolonna ta' dak iż-żmien. F'ittra lil Graham jitolbu biex id-diżerturi Franċiżi jiġu mibgħuta fuq is-swar ħalli jkellmu lis-suldati Franċiżi u jipperswaduhom iċiedu jew jaħarbu. Qallu wkoll li ċertu Kurunell Cardona kien wiegħed lil wieħed kap għoli Franċiż fortuna jekk kien jirnexxilu jġiegħel lil Vaubois iċiedi qabel ma tasallu xi forza kbira. "Deher kuntent bl-offerta", kiteb Ball. Sadattant tah ukoll l-aħbar sabiħa li mill-Belt Valletta kienu ħarġu 200 Malti b'għadd kbir ta' sarar u bagalji.

Keith baqa' l-ħin kollu jżomm kuntatt ma' Nelson u Graham. Lil ta' l-aħħar bagħatlu 500 xkubetta għar-riġiment Malti u porvli ta' kwalità tajba. Lil Nelson bagħat jgħarrfu li skond il-priġunieri tal-'Genereux', skwadra ta' tliet vapuri żgħar kienet ordnata li tidħol il-Belt Valletta akkost li tiġi maqbuda. Għalhekk jordnalu li jżomm l-għassa sewwa.

Graham reġa' beda jħossu skoraġġit u għalhekk fit-3 ta' Marzu kiteb lil Nelson: "Jien qatt ma ddubitajt dwar l-ansjetà tal-Gvern Franċiż li jżomm dan il-post importanti u jiena konvint li ser isir kull sforz biex tiġi mwassla l-għajnuna". Jurih ukoll id-dispjaċir tiegħu li ma kellux forzi biżżejjed. Iżda jħoss li "is-sitwazzjoni li ninsabu fiha tista' tiġġustifika attentat iddisprat u ta' sogru. Jien konvint li qatt daqs s'issa ma l-għadu kien jinsab aljenat. Huma jafu s-saħħa tagħna jew aħjar id-debulizza tagħna u huma soddisfatti li aħna ma għandniex skop ieħor ħlief li nżommu l-imblokk... Jien ma għandix oġġezzjoni li jsiru attakki żgħar... Iżda jien żgur li huma jidħku bl-isforzi povri tagħna".

Iżda Nelson ma kienx ta' l-istess fehma tiegħu u dan jidher minn ittra li bagħat lil Graham fit-3 ta' Marzu stess:

"Qed nibgħtlek kopja ta' l-ittra ta' Lord Keith li minnha tista' tara (dak li jien qatt ma ddubitajt minnu) li l-'corvettes' Franċiżi jippruvaw żgur li jidħlu f'Valletta u skond it-temp li kellna dan l-aħħar hemm l-akbar probabbiltà li fl-aħħar l-għadu jista' jiskappa l-għassa tagħna. Jien ma għandix awtorità biex nibgħat bastimenti biex jgħassu fil-Punent. Jiena nixtieq, bl-umiltà kollha lejn il-ġudizzju superjuri tiegħek, nissottometti jekk ikunx possibbli b'attakki żgħar bil-lejl u bi sparar kontinwu ta' xkubetti u kanuni, tinkwieta l-Gwarniġjon nofshom mejta bil-ġuħ u ġġegħilhom iċiedu qabel ma xi wħud mill-vapuri jaslulhom, għax jekk il-Gvern Franċiż jibqa' jirsisti, taħt kull perikolu, biex permezz ta' vapuri żgħar isalva lill-Gwarniġjon mill-perikolu li jinsab fihom, fl-aħħar jirnexxilu.

"Ma jgħaddix żmien wisq li, imħabba l-istat ħażin ta' saħti, jien inkun nista' nkun miegħek, meta l-kmand tiegħi jaqa' fuq l-għażiż u kuraġġjuż ħabib tiegħi Tronbridge jew jiġi meħud minn Lord Keith".

Il-biża' ta' Nelson ma kienx għalxejn. Flaħħar, 'corvette' Franċiż daħal fil-Port il-Kbir, Ball f'ittra lil Graham bid-data tal-5 ta' Marzu jinfurmah b'din b'din il-biċċa. Qallu wkoll li kien avża lil Nelson b'dan. U jkompli hekk: "Iżda ma naħsibx li din il-biċċa ser ikollha ħafna konsegwenzi materjali; ma hix ser isservi biex tgħolli l-moral ta' l-uffiċjali meta jsibu li ma għandhomx ċans li jieħdu l-paga. Iżda taħt kull kost jeħtieġ li nagħtu verżjoni tajba ta' dak li ġara u nżommu għoli l-moral tal-poplu".

**KLASSIJIET TAL-MUŻIKA**

**Il-Professur V. Agius u s-Sinjura Rita Agius Buhagiar, fetħu klassijiet ġodda biex jippreparaw għall-Eżamijiet tal-PJANU... TEORIJA u TEST ORALI Studenti tal-bidu u sal-Grade V (Higher) jistgħu jattendu għal kull waħda minn dawn il-klassijiet. Ħlas: 15s. fix-xahar (żewġ lezzjonijiet fil-ġimgħa). Biex tinkitbu morru: Nru. 207, Valley Road, B'kara.**

**B'TIFKIRA**

B'tifkira għażiża ta' **Maria Assunta Giudice,** li mietet fl-4 ta' Ottubru 1942. Qatt minsija minn ħutha u qrabatha.—R.I.P.

* * *

B'tifkira għażiża ta' **Giuseppe Caruana,** mill-Belt, li miet fit-28 ta' Settembru 1944. Qatt minsi minn ħutu, martu u wliedu.—R.I.P.

* * *

B'tifkira għażiża ta' **Edward Grima,** mill-Mellieħa, f'għeluq it-tielet